**– CONFESSIO EST REGINA PROBATIONUM –**
**– PROBATIO PROBATISSIMA –**
**– CONFESSIO FACTA IN JUDICIO OMNI PROBATIONE MAJOR EST –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Lulju, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **120 / 2018**

**VALHMOR BORG IMPORT EXPORT LIMITED**
[REG. NRU. C-3062]

***VERSUS***

**JONATHAN U DEBBIE KONJUGI TULLY**
[K.I. NRU. 19910L U 401775M RISPETTIVAMENT]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' April, 2018 mill-attrici li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallasuha l-ammont ta' tlett elef, tmienja u disghin ewro u ghaxar ewro centezmi (€3,098.10c) rapprezentanti provvista ta' prodotti ghall-konsum, mibjugha u konsenjati lill-konvenuti, hekk kif ahjar deskritt fl-istess Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, kif ukoll l-imghaxxijiet legali.

Ra li ghad li debitament notifikati bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuti naqsu milli jipprezentaw risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan. Madanakollu deher il-konvenut Jonathan Tully personalment (u ghan-nom ta' martu) fl-ewwel udjenza quddiem dan it-Tribunal fejn irregistra ammissjoni tat-talba attrici.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Fl-ewwel udjenza quddiem dan it-Tribunal, dik ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Mejju, 2018, il-konvenut Jonathan Tully deher u minn rajh irregistra ammissjoni tat-talba attrici. Fil-

verbal relattiv hemm registrat hekk: "*Il-Konvenut Jonathan Tully (li jifhem bil-Malti) spjega lit-Tribunal illi qed jidher fil-prezenti udjenza kemm f'ismu propju u kif ukoll f'isem il-mara tieghu Debbie Tully (Konvenuta wkoll), u illi huma mhux behsiebhom jikkontestaw il-pretenzjoni attrici, izda qed formalment jiddikjaraw ruhhom bhala debituri tas-Socjetà Attrici fl-ammont domandat ta' EUR3,098. It-Tribunal spjega seduta stante (anke bil-lingwa Ingliza) l-import u l-konsegwenza ta' tali dikjarazzjoni u l-Konvenut Jonathan Tully fehem l-istess u wara li gie amministrat mit-Tribunal il-gurament, rega' tenna d-dikjarazzjoni tieghu illi hu u martu mhux ser jikkontestaw il-pretiza attrici u li huma ser ihallsu l-ammont mitlub f'dawn il-proceduri, u cioe EUR3,098*." Dakinhar il-procediment thalla ghall-udjenza ta' l-20 ta' Gunju, 2018 biex il-konvenut "*jidher dakinhar sabiex jinforma lit-Tribunal dwar l-istess pagament*" u dan stante li l-imsemmi konvenut kien talab "*ftit taz-zmien sabiex iwettaq l-imsemmi hlas lis-Socjeta' Attrici*."

Fl-udjenza ta' l-20 ta' Gunju, 2018 il-konvenut ma deherx u f'tali udjenza kien gie registrat *inter alia* dan: "*It-Tribunal jaghmel referenza ghall-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju, 2018 u jirrileva illi l-Konvenut, ghalkemm intrabat li jidher fil-prezenti udjenza, baqa' ma deherx ghalkemm imsejjah diversi drabi. Dr. Victor Bugeja jinforma lit-Tribunal illi nonostante l-ammissjoni tal-Konvenut kif registrata fil-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2018, l-istess Konvenut ma wettaq l-ebda pagament kif intrabat li jaghmel. In vista ta' dak registrat fis-seduta tal-llum, fid-dawl tal-imsemmija ammissjoni, Dr. Victor Bugeja jitlob illi l-procediment jibqa' ghas-sentenza fuq il-provi in atti sal-llum*." Dakinhar il-procediment gie differit ghas-sentenza ghall-udjenza tal-llum.

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra;

In vista' ta' l-ammissjoni tal-konvenut (kemm f'ismu u kemm f'isem il-konvenuta martu), registrata formalment fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2018 (*a fol*. 7), dan it-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara lill-istess konvenuti bhala debituri tal-kumpannija attrici u, bhala korollarju naturali, li l-konvenuti huma tenuti jhallsu lill-istess attrici l-ammont mitlub ta' tlett elef, tmienja u disghin ewro u ghaxar ewro centezmi (€3,098.10c). Tali ammissjoni saret bla ebda kundizzjoni u, allura, tattira wkoll l-obbligu fuq il-konvenuti li jindennizzaw lill-kumpannija attrici l-ispejjez gudizzjarji minnha mitluba f'dawn il-proceduri, inkluz il-hlas ta' l-interessi fuq l-ammont ta' sorte mid-data tas-sejha gudizzjarja (i.e., mit-3 ta' April, 2018).

Hu principju antik illi "confessio est regina probationum"[1], cioè li l-ammissjoni hija l-aqwa forma t'evidenza li parti tista' tressaq ("probatio probatissima"[2]).

[1] Dwar dan il-principju ara, *inter alia*, **Carmelo Bonnici noe v. Ronald Farrugia et** (Appell Superjuri, 26 ta' Ottubru, 1970; mhux pubblikata); **Massimo Vella v. V. Petroni (Imports) Ltd** (Appell Inferjuri, 28 ta'

Addizzjonalment, l-ammissjoni (jew konfessjoni) da parti tal-konvenut *pro et nomine* f'dan il-kaz ma kinitx wahda li rrizultat minn xi dokument jew minn xi inferenza li wiehed jista' jestraji mill-provi migjuba mill-parti attrici, izda kienet wahda sottomessa u moghtija personalment mill-konvenut, b'mod volontarju u registrata formalment u bil-gurament fl-atti ta' dan il-procediment waqt udjenza ta' dan it-Tribunal. Ghalhekk, hekk kif tghid il-massima Latina, "confessio facta in judicio omni probatione major est",[3] li tfisser illi ammissjoni maghmula fi procediment gudizzjarju (jew formalment waqt xi proceduri ohra ta' indole gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja) ghandha aktar forza u qawwa minn kwalsiasi evidenza ohra. Infatti, nsibu ritenut illi, "*Se resa in giudizio essa vincola il giudice, il quale dovrà ritenere raggiunta la prova in ordine alla veradicità dei fatti ammessi, traendone ogni conseguenza in sede di decisione della causa*."[4]

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, ghall-motiv fuq imfisser, jilqa' t-talba attrici kif dedotta u jiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' tlett elef, tmienja u disghin ewro u ghaxar ewro centezmi (€3,098.10c), bl-imghax fuq tali ammont dekorribbli mid-data tat-3 ta' April, 2018 (data tas-sejha gudizzjarja) sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez tal-prezenti proceduri jkunu a karigu ta' l-istess konvenuti.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

Novembru, 2007); **Galscer & Bilom Ltd v. Anthony Azzopardi** (Appell Inferjuri, 22 ta' Mejju, 2009); u **APS Bank Ltd v. Francis Xavier Micallef** (Appell Inferjuri, 7 ta' Lulju, 2010).

[2] Dwar dan ara "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine" (Hoepli 1993) ta' **Umberto Albanese**, f'pagna 295. Ara wkoll "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini" ta' **Federico del Giudice** (Simone ed. IV, 2011), f'pagna 260 fejn hemm mghadud, *inter alia*, li, "*Con il termine probatio probatissima si è soliti fare riferimento alla confessione che è il mezzo probatorio per eccellenza*."

[3] Dwar dan ara "Trayner's Latin Maxims" (Sweet & Maxwell, 4th edition, 1993) pp. 92–93.

[4] Ara "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini" ta' **Federico del Giudice** (Simone ed. IV, 2011) pagna 67.